**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 541/17 CZ**

**Stephanie Zammit**

**vs**

**Joseph Carmel Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-28 ta' Novembru 2017 u li permezz taghha talbet minghand il-konvenut l-hlas ta' seba' mija u hamsa w erbghin Euro (€745) u ppremettiet illi:

Fis-27 t'Otubru 2016 giet deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kawza biex jigi dikjarat null iz-zwieg tal-kontendenti (Rikors 291/14 RGM). Il-konvenut Joseph Borg gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-kawza. Pero' huwa qed jirrifjuta li hallas

is-somma ta' €745.00 rapprezentanti l-hlas maghmul mill-attrici lill-espert tekniku Carmen Sammut nominata fi-kawza surriferita.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-11 ta' Dicembru 2017, fejn eccepixxa:

1. Illi l-intimat hallas lir-rikorrenti accettanti l-ispejjez tal-kawza citata fl-avviz, u dan skont it-taxxa ufficcjali emessa mir-Registratur li qed tigi annessa.

2. Illi r-rikorrenti ssostni li l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-intimat ihallasha dawk l-ispejjez tal-kawza hawn reklamati minnha. Jekk ir-rikorrenti temmen li din l-asserzjoni hi korretta, jfisser li hi ghandha *ex lege* titolu ezekuttiv favuriha li tista' tesegwixxi, u ghalhekk din il-procedura biex jigi ottjenut titolu ezekuttiv saret inutilment.

3. Illi l-ispejjez tal-kawza li l-intimat gie ordnat mil-Qorti tal-Familja li jhallas jemergu mit-taxxa ufficcjali emessa mir-Registratur. Bil-ligi, hu r-Registratur li jillikwida l-ispejjez tal-kawza u x'dawn jikkomprendu. Jekk ir-rikorrenti kellha kontestazzjoni dwar il-likwidazzjoni maghmula mir-Registratur u l-quantum u konsistenza tal-ispejjez, kellha tressaq din il-kontestazzjoni quddiem il-forum opportun, bil-procedura opportuna, u fiz-zmien prefiss mil-ligi ta' xahar, skont l-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12. Wara l-iskadenza ta' dan ix-xahar, it-taxxi maghmulin ma jistghux jigu attakkati.

4. Illi ghalhekk, is-somma hawn reklamata mir-rikorrenti ma tirrientrax fl-"ispejjez tal-kawza" li l-intimat gie ordnat biex ihallas, u dan it-Tribunal ma

jistax jiddeciedi dwar vertenza li tezorbita mill-mansjoni tieghu u ma jistax jissostiwixxi dak li ddecieda r-Registratur, li issa huwa definittiv.

5. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici ma timmerita ebda akkoljiment, u ghandha tigi michuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici qed titlob il-hlas ta' seba' mija u hamsa u erbghin Euro (€745) ghal spejjez ta' perizja teknika li kienet hallset hi, wara li s-sentenza ta' bejn il-partijiet ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

It-Tribunal qies l-affidavit ta' l-attrici[1], ix-xiehda tal-Psikologa Carmen Sammut[2], u tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Emanuel Sciriha[3].

Illi l-**attrici** xehdet illi fil-kawza ta' nullita' li kellha mal-konvenut, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet hatret lill-Psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar il-mertu, a spejjes provizorjament taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom. Bis-sentenza finali, izda l-konvenut gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-kawza. L-attrici kienet hallset b'kollox seba' mija u hamsa u erbghin Euro (€745) ghas-servizzi tal-psikologa, izda dan l-ammont ma tnizzilx fit-taxxa ufficcjali tal-kawza bejn il-partijiet. Sussegwentement, Carmen Sammut kienet baghtet e-mail lll-avukat ta' l-attrici fejn ikkonfermat li kienet irceviet seba' mija u hamsa u erbghin Euro (€745) minghand l-attrici. Iktar tard il-konventu kien prova jhallas l-ispejjez tal-kawza a bazi tat-taxxa ufficcjali (minghajr ma nkluda l-ammont tal-psikologa), izda dan ic-cheque ma ssarrafx u llum jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza.

Il-**Psikologa Carmen Sammut** ikkonfermat illi kull parti fil-proceduri tan-nullita' hallsitha s-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin Euro (€745). Ma kinitx taf jekk ir-rapport taghha giex intaxxat, izda l-partijiet kienu jhallsu lilha direttament, u jidher li l-hlas m'ghaddehulhiex kollu f'salt meta sar ir-rapport, bhal ma jigri f'kazijiet ohra fejn ikun hemm rapport tekniku, izda hallsuha kull darba li marru ghandha.

Ir-**Registratur (Qrati Civili u Tribunali, Emanuel Sciriha** qal li ma rrizultalux li kien hemm xi talba ghal ritassa fl-ismijiet kif indikati.

Illi l-argument principali tal-konvenut huwa illi ladarba dawn l-ammonti ma gewx indikati fit-taxxa ufficcjali, l-attrici ma tistax issa tippretendihom, ghaliex hi kellha

[1] Fol. 14
[2] Fol. 62
[3] Fol. 66

dritt titlob li ssir ritassa ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, haga li m'ghamlitx. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> 64. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.

Illi rrizulta lit-Tribunal illi l-partijiet accettaw li jmorru ghal dawn is-sessjonijiet mal-Psikologa Carmen Sammut, u accettaw ukoll illi jhallsuha ghal kull sessjoni u mhux somma wahda fl-ahhar – tant hu hekk illi kienu hallsuha anke depozitu fil-bidu.

Illi din hija sitwazzjoni li r-Registratur tal-Qorti ftit li xejn ghandu kontroll fuqha, fis-sens illi ma jkunx necessarjament jaf x'qed jaghmlu l-partijiet u x'qed ihallsu separatament lill-psikologa. Ladarba intuzat din il-procedura, ghalhekk, dawn l-ispejjez ma setghux jigu intaxxati mir-Registratur, ghaliex jidher li l-hlasijiet taghha l-psikologa kienet qed tiddeterminahom hi, minghajr ma tirreferi ghal ebda gwida da parti tar-Regisratur. Illi huwa ragunat ghalhekk f'dan il-kaz illi r-Registratur ma jinkludix hlasijiet bhal dawn fit-taxxa ufficcjali, ladarba dwar il-hlas kien hemm relazzjoni diretta bejn il-psikologa u l-partijiet – u f'dan ir-rigward ghalhekk dan mhuwiex kaz fejn ir-rimedju kien illi tintalab ritassa – ghaliex ir-Registratur ma ghamel xejn hazin meta ma ntaxxax ix-xoghol tal-Psikologa, li ghalih kienet qed tithallas bicca bicca u mhux fl-ahhar.

Illi jibqa' izda l-fatt illi dawn kienu spejjez li saru fuq ordni tal-Qorti, u ghalkemm il-partijiet qablu mal-psikologa li jhallsuha ghal kull sessjoni, finalment kellha tkun il-Qorti li tiddeciedi min ha jhallas dawn l-ispejjez fl-ahhar. Inzerta li f'dan il-kaz kien il-konvenut li gie kkundannat ihallas l-ispejjez, u ghalkemm dawn l-ispejjez ma ddahhlux fit-taxxa ghar-raguni fuq imsemmija, li ghat-Tribunal hija raguni li hija

gustifikabbli, il-konvenut irid josserva l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anke dwar dan l-ispejjez u jhallashom lill-konvenuta. Il-Qorti kienet cara illi dawn l-ispejjez ha jithallsu nofs bin-nofs biss provizorjament, izda mbaghad is-sentenza nfisha tirbah fuq id-digriet ta' qabel. Ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tal-attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa erbghin Euro (€745) bl-imghax mil-lum sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur